# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Lulju 2024**

**Rikors Guramentat nru : 148/2017 AGV**

**E SF**

**Vs**

**H SF**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta'  ESF   fejn ippremetta s-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet zzewgu fis- 6 ta' Mejju 2012 u minn daz-zwieg ma twiedlux tfal.

2. Illi l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewwga
3. Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga.
4. Illi z-zwieg hu invalidu minhabba l-impotenza attribwibbli lil konvenuta , kif ser ampjament jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza.

**Ghadaqstant, l-attur jitlob lil dina Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi sabiex :-**

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tas-6 ta' Mejju 2012 jigi dikjarat null u bla effett u dan skont id-disposizzjoni tal-artikolu 19 (1)(c) u / jew 19 (1) (d) u / jew 19(1)(e) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni .**

**Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenuta HSF , li eccepiet is-segwenti:-**

1. ILLI l-intimata filwaqt li taqbel li z-zwieg tagha mal-attur ghandu jigi ddikjarat null kuntrarajment ghal dak msemmi mill-attur, l-intimata tishaq li z-zwieg ghandu jigi ddikjarat null, principarjament minhabba l-impotenza attriwibbli lill-attur li kien heba minnha b'qerq u dan kif ser jigi ampjament muri waqt il-mori tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Rat il- Kontro-Talba tal-intimata Rikonvenzjonata HSF** fejn ippremettiet is-segwenti:-

**A. Dikjarazzjoni tal-Fatti:**

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sitta ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012).

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied.

3. Illi l-kunsens tal-intimata rikorrenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq da parti tal-attur rikonvenzjonant li heba minnha difett fizilku serju ta' erectile dysfunction li wassal ghal *impotenza coeundi* aktar u aktar meta wiehed iqies li matul l-gherusija kollha litteralment ma kien sar xejn bejnithom.

4. Illi z-zwieg huwa null minhabba l-impotenza fuq spjegata da parti tal-attur rikonvenzjonant li fic-cirkustanzi prevalenti addirittura allega li l-impotenza tezisti sa parti tal-intimata rikonvenzjonanta.

5. Illi l-kunsens tal-attur rikonvenzjonat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan non cio li kien konxju tad-difett fiziku tieghu fuq imsemmi u zzewweg xorta wahda.

6. Illi l-kunsens tal-attur rikonvenzjonat, inkiseb bl-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

7. Illi tajjeb li jinghad minn issa li aktar kmieni din is-sena, l-intimata rikonvenzjonanta, intavolat proceduri quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku b'talba specifika ghal dispenza *'super ratio non consummatio.'*

**A. Talbiet tal-intimata rikonvenzjonanata fejn ippremettiet is-segwenti:-**

GHALDAQSTANT, l-intimata rikonvenzjonanta in vista ta' dak kollu fuq premess titlob lill-attur rikonvenzjonat ighid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ta' bejnithom tas-6 ta' Mejju 2012 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi u dan skont id-dispossizjonijiet tal-Artikolu 19(1)c u jew 19 (1)(d), u / jew 19(1)(e) u / jew 19(1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat, illi jibqa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.**

**Rat ir- Risposta Guramentata ta' ESF fejn eccepixxa illi :-**

Illi fl-ewwel lok, l-esponent qed jaghti ruhu notifikat bir-risposta u kontrotalba ta' martu HSF u dan minkejja li fl-istess att, il-konvenuta rikonvenzjonanta indikat indirizz hazin tal-esponent u qatt ma segwiet l-istess b'notifika.

Illi b'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi fl-umli opinjoni tal-esponent ma kellhiex issir kontro-talba fil-proceduri odjerni, u dan stante li jidher li hemm qbil li z-zwieg huwa null u l-kontestazzjoni hija dwar it-tortijiet, dwar liema din l-Onorabbli Qorti dejjem u fi kwalunkwe kaz, ghandha s-setgha u d-diskrezzjoni li tesplora u tikkunsidra.

Illi dwar il-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi l-esponent ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet, pretensjonijiet u talbiet imressqa minn martu ghal liema huwa jirrizerva li jiehu l-passi kollha legali necessarji u konsegwibbli.

Illi l-esponent jerga' jikkontendi illi ghalkemm iz-zwieg ikkuntrattat bejn l-partijiet huwa null, dan huwa ghal ragunijiet attribwibbli esklussivament lill-konvenuta rikonvenzjonanta li qarrqet bl-esponent meta ma qaltlux bl-impotenza taghha u l-kunsens taghha kien vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga.

Illi fi kwalunkwe kaz jinghad ukoll illi l-kawzali li fuqhom il-konvenuta rikonvenzjonanta qed tibbaza l-azzjoni taghha u cioe` l-artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) huma ghal kollox kontradittorji ghal xulxin, l-ghaliex jekk kif qed tallega, l-esponent ma kellux diskrezzjoni biex jaghraf x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huwa kien matur

bizzejjed tant li uza d-diskrezzjoni tieghu biex, b'att pozittiv, jeskludi z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu.

Illi in vista tal-kontradizzjoni fil-premessi u t-talbiet, l-esponent umilment jissottometti li l-kontrotalba tal-intimata hija nulla stante li l-kontradizzjoni fil-premessi u fit-talbiet jolqtu is-sustanza tal-azzjoni.

Ghaldaqstant l-esponent jopponi ghat-talbiet tal-intimata li z-zwieg ikkuntrattat mill-esponent huwa null ghal ragunijiet imputabbli lilu izda jikkontendi illi dan huwa b'rizultat ta' tortijiet attribwibbli lill-konvenuta rikonvenzjonanta.

L-esponent jopponi wkoll ghall-ispejjez tal-procedura odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku datat 16 ta' Ottubru, 2017.[1]

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell dtata 25 ta' Jannar, 2021 (Rik. Nru. 52/2018 fl-ismijiet **HSF vs ESF** [2]

**IKKUNSIDRAT:**

[1] A fol. 205
[2] A fol. 276

**Fatti**

1.L-attur jispjega li fl-1988 meta kellu tmintax-il sena kien dahal is-Seminajru sabiex isir qassis. Fiz-zmien gie afflitt minn *breakdown l*i kien dam bejn xahar u xahrejn (bejn Settembru u Novembru 1993). Ghall-ewwel kien qed jigi segwit minn Fr.Paul Galea li mbaghad kien irreferih ghand Fr.George Debono. Kien hasibha sew u wara li ddiskuta mal-psikjatra tieghu Dr.George Debono kien iddecieda li jitlaq mis-Seminarju wara hames snin.  F'Dicembru, 1993 Dr.Debono kien irrakkomanda li ghandu jfittex xoghol u jibda hajja gdida.

Kien ghalhekk li fi Frar, 1993 beda jahdem *full-time* ma' audit firm u kien beda kors fil-*computing*, IT, informattika u logistika filghaxijiet, ghax dak iz-zmien l-ghan tieghu kien li jimxi 'l quddiem fil-karriera tieghu, jakkwista paga tajba u jaghmel hbieb godda, peress li l-unici hbieb li kellu kienu seminaristi.

Jispjega li minn hemm beda jhossu kuntent u rrealizzat f'hajtu. Kien ghamel hbieb u beda jiffrekwentahom u kienu jorganizzaw attivitajiet differenti.

Jispjega li l-unika haga kienet li, minhabba l-effett taz-zmien tas-Seminarju kien jiehu l-medicina Amirol ghall-perjodu qasir ta' ftit gimghat u fi tmiem 1997 u dan ghall-cirka tlett xhur wara s-separazzjoni. Dr.Debono kien tah parir li jiehu l-Lithium Bicarbonate li huwa *mood stabiliser* u kien qallu li dina hija sustanza naturali.

Kien minn hawn li beda jhares 'l quddiem. Kien anke mar ikellem lill-psikologa Dr.Mary Anna Borg Cunen li kienet issegwi seminaristi u l-

qassisin li ma komplewx sabiex jaddattaw ghall-hajja ta' kuljum. Kien siefer fuq xoghol u anke xtara l-post tieghu fl-2004. Sa 2005 kien qed ighix wahda u beda jhossu indipendenti u beda jipprepara ghall-pass li jmiss. Kien wara dan kollu li ddecieda li jara li Dr.Mary Anne Borg Cunen.

Qabel ma ddecieda li ried ifittex tfajla sabiex jizzewweg, ighid li kien tkellem ma' Dr. Debono sabiex isaqsih jekk il-Lithium Bicarbonate seta' jhalli l-impatt fuqu negattiv fiz-zwieg, li da parti tieghu rassikurah li ma kienx il-kaz. Fil-fatt kien inhareg certifikat mediku li ma kienx hemm xejn x'jimpedih li jizzewweg u fil-fatt ipprezentah quddiem il-Kurja qabel l-ezami tat-tieg.

Jispjega li kull tfajla li kellu kien jehodha ghand Dr.George Debono sabiex jifhemhom minn xiex kien ghadda u li kellu *breakdown* li wassal sabiex jiehu l-Lithium. Uhud minn dawn ir-relazzjoniiet irnexxew, ohrajn le u ghalhekk kien hemm okkazzjoni wahda fejn kellu gherusija ma' certu CDF li ma rnexxietx u kien ghadda minn perjodu ta' depressjoni li ma kinitx qawwija, tant li seta' jmur xoghol.

Jammetti li kellu certi problemi karatterjali fis-sens li ma kienx persuna retta, imma kien sensittiv hafna, *introspective* u jinkwieta zzejjed. Biex jintghogob xi kultant dispost li jerfa' t-tort. Ighid ukoll li jpoggi l-interessi ta' haddiehor qabel tieghu u generuz izzejjed.

Jispjega li qabel ma zzewwgu kienu ddiskutew fuq certi affarijiet bhal li joqoghdu go appartament minghajr annimali, li titlaq il-komunita' u jattendu komunita' religjuza ohra flimkien, u li kien qed jiehu l-Lithium, izda wara z-zwieg, il-konvenuta kienet bidlet fehemtha fuq hafna minn

dawn l-affarijiet, li qabel kienet qablet maghhom. Lanqas riditu jmur ghand Dr. Debono.

Fiz-zwieg kienet akkuzatu li gharraq biha peress li ma kienx minnu li Dr. Debono kien spjegalha l-affarijiet. Pero' hu jinsisti li kienet fil-fatt il-konvenuta li kienet gharrqet bih dwar il-femminilita' taghha u dan meta kien akkumpanjaha ghand Dr. Mark Brincat. Kienet qaltlu li marret ghall-*routine check up*, izda jiftaker li t-tabib kien qallhom li peress li kien ghadda z-zmien ma jdumux biex jikkunsmaw iz-zwieg u fl-ahhar tenna li jekk ikun hemm problemi ikun hemm bzonn jintervjeni permezz ta' operazzjoni u jifthilha l-vagina. Wara li kienu hargu l-konvenuta kienet infurmatu li ma kinitx disposta li topera ruhha u dan hasbu ftit.

Kien imhasseb dwar il-verita' peress li l-konvenuta kienet twissih li meta jmur ghand Dr. Debono ma jitkellimx dwar is-sitwazzjoni taghha minghajr l-ewwel isaqsi lilha.

Kien difficli sabiex jikkonvinciha biex imorru jitkellmu dwar il-problemi sesswali taghhom, sakemm fl-ahhar marru ghand Fr. Paul Chetcuti- li kkonstata li l-konvenuta kienet ghaddejja minn perjodu ta' *bereavement* peress li kienet timmissja l-genituri taghha, filwaqt li lilu heggu sabiex jiffoka fuq *emotional connection* fil-hajja tas-sess. Ikkonstata ukoll li t-tnejn kellhom hafna insikurezzi u kienu ser jizzewwgu biex jircievu iktar milli jaghtu.

Kien jibki ta' spiss peress li kien mument difficli ghalih li ma jistax jinghaqad maghha. Hass li l-konvenuta zzewwget biex semplicement kellha ragel u dan iktar kien konvint minnha peress li iktar kienet inkwietata li ser jitlaqa' milli li ma jistax ikollha relazzjoni intima kompluta. Ighid li

l-konvenuta tefghet il-kundizzjoni taghha fuqu, billi bdiet tallega li ghandu *erectile dysfunction*, haga li jichad kategorikament, minkejja li jammetti li kien difficli ghalih meta kien ihoss li martu kienet avversa ghall-ideja li jersaq lejha sabiex ikollhom x'jaqsmu.

Jispjega li kien ihossu ragel mizzewweg, li kien jipprova jitbissem quddiem in-nies, meta f'qalbu kien imwegga' u dejjem jittama li l-affarijiet jinbiddlu. Pero' l-konvenuta kienet persuna dominanti li kienet tikkontrolla kollox u anke meta beda jhoss li ghandu jiftah qalbu mal-hbieb jew familjari, il-konvenuta riedet tkun prezenti, mentri hu kien ihalliha fil-liberta'.

Ighid li anke meta kienu btala barra minn Malta u iktar rilassati, ma rnexxilux jinghaqad maghha. Wara erba' snin ihossu hekk iddecieda li l-ahjar triq kien li jisseparaw u minflok il-konvenuta kienet twahhal fih u d-*depression* li kellu. L-ikbar dispjacir tieghu kien li ma kkonsumawx iz-zwieg.

Lejn l-ahhar taz-zwieg induna li l-konvenuta kienet turi certu rabja u dan kien minhabba problemi relatati max-xoghol. Pero' bhala persuna kienet issibha difficli sabiex tesprimi l-problemi taghha.

F'Gunju/Lulju, 2015 meta marru jaraw lil Dr. John Mifsud fil-presenza tieghu u wara li ezaminaha kkonferma li kellha *vaginismus*. Kien issugerixxa li tattendi xi ghoxrin sezzjoni mieghu tal-anqas. Izid ighid li Dr. Mifsud staqsieh dwar l-*erections* tieghu u kien ikkonfermalu li ma kienx minnu. Il-konvenuta kienet tmur wahedha u ma riditux imur maghha.

Wara dina d-decizjoni li jisseparaw ighid li kien hemm diversi incidenti li ghamlet il-konvenuta biex donnu tivvendika ruhha.

L-attur ighid li kuntrarjament ghal dak li tallega l-konvenuta, dejjem kien hemm ghaliha u ma setghetx kienet imdejjqa u ma kienx minnu li ma kellhiex imhabba. Fil-fatt, kienet tibghatlu kartolini sabiex tirringrazzjah ghall-mod kif kien jiehu hsiebha.[3]

Meta kien ghaddew erba' snin il-fatt li z-zwieg taghhom ma kienx gie kkunsmat kien piz kbir fuq il-kuxjenza tieghu u kien ghalhekk li kien ried imexxi bis-separazzjoni u beda jinduna ukoll li kien hemm inkompatibbilita' ta' karattru.

2.**C M** huwa habib intimu tal-attur u ilu jafu minn meta kienu jmorru l-iskola flimkien. Dwar l-attur ighid li dejjem rah bhala persuna onesta u affidabbli, izda kien jarah passiv u anke jdum biex jiehu decizjoni. Kien ukoll bniedem rizervat u ghalhekk ma kienx qallu bil-problemi li kellu fiz-zwieg immedjatament, hlief ghall-habta ta' Ottubru, 2016 li kien ser jissepara. Kien f'Mejju, 2017 meta fetah qalbu sew u qallu li kellhom problemi relatati mal-intimita' ghax ma wasalx ghall-penetrazzjoni. Kien semmielu li marru ghand terapista biex jindirizzaw dina l-problema.

Jikkonferma li llum ghadhom hbieb u jiltaqghu. Izid ighid li l-attur rega' lura ghalli kien qabel ma zzewweg. Kien specifikalu li l-problema kienet li l-konvenuta ma setghetx tinfetah bizzejjed sabiex ikun hemm penetrazzjoni. Ighid li l-attur ma semma xejn dwar problema li kellu xi *erectal dysfunction* u li kieku verament kienet tezisti dina l-problema kien ighidlu ghax huwa dak it-tip ta' persuna.

Itenni li hu u l-attur kienu tkellmu fuq is-suggett tas-sess u kien issuggerielu sabiex ghal bidu juza' l-*condoms* sabiex il-konvenuta ma

[3] Doks. ESF 1 – ESF 7

tohrogx tqila mill-ewwel u anke kien issuggerixxa li juzaw l-KY gel sabiex il-kuntatt fiziku ma jweggax.

3.**Profs Jean Calleja Agius** kien ezamina lill-konvenuta f'Jannar, 2013 fejn gie kkonsultat mill-partijiet sabiex jivverifika jekk kienx hemm *vaginsimus* u rrizulta li ma kienx hemm. Jikkonferma li kien hemm *fibroid* zghira li kienu jafu dwaru, pero' ma kienx hemm *polycystic ovaries*. Qaltlilha li setghet tistenna biex taghmel operazzjoni la ma kinitx kibret izda kellhom jimmoniterjawha. Ghalkemm marret gahnd il-Profs. Brincat kienet regghet marret ghandha for *a second opinion* u kienet probabilment irrifjutat li taghmel l-intervent fuq parir taghha.

F'Ottubru, 2016 kienet regghet marret tinvistah il-konvenuta wahedha u kienet ikkonfermat li kienet ghadha vergni u ma kienx jidher li kien hemm intimita' kif suppost. Fl-istess hin kien qed isegwi l-*fibroid*.

F'Settembru, 2019 kienet marret tinvistaha, flimkien ma' partner gdid u kkonfermaw li kellhom relazzjonijiet intimi kompluti. Kien biss f'Awissu, 2020, fejn kienet irreferiet. lill-konvenuta ghand konsulent minhabba li l-*fibroid* kienet qed tikber. Pero' setghet tikkonferma li baqghet ma kellhiex *polycystic otvaries* u baqghet sakemm ghamlet *hysterectomy* u zammet iz-zewg *ovaries*.

Tikkonferma ukoll li minkejja fejn kienet tinstab il-*fibroid* u anke d-daqs taghha ma setghetx taffettwaha fil-hajja sesswali taghha.

4.**Dr. Marcelle Chircop** xehdet li kienet giet inkarigata mit-Tribunal Ekklesjastiku sabiex tezamina lill-konvenuta minn fejn ikkonstatat li kienet ghadha vergni u l-istess zwieg ma kienx gie kkonsumat.

Ikkonfermat ukoll wara li regghet ezaminata fl-1 ta' Settembru, 2020, kien irrizulta li l-konvenuta ma kinitx ghadha vergni. Waqt l-ezami kienet irrilassata u ma kienx jidher li ghandha *vaginismus*. [4]

In kontro-ezami tikkonferma li l-konvenuta qatt ma qaltilha li kienet attendiet sezzjonijiet ghand is-sesswologu Dr. John Mifsud minhabba *vaginismus*. Tammetti li kkonkludiet li l-attur kien taht kura medika u rrifjuta li jfittex ghajnuna ghall-problemi sesswali tieghu wara li qaltilha l-konvenuta.

Dwar il-*vaginismus* tghid li dan generalment huwa *a mental state*, li wiehed ma jistax jopera sabiex jirregolaha. Wiehed jista' jiehu *counselling*, pero' tghid li ma kinitx rat sinjali taghhom fil-konvenuta.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

L-attur qed jitlob l-annullament ta' dan iz-zwieg ai termini tal-Artikolu 19 (1) (c) u/jew (d) u/jew (e) tal-Kapitolu 22 tal-Ligijiet ta' Malta ghal liema ragunijiet tahti l-konvenuta.

Il-konvenuta pprezentat kontro-talba fejn talbet in-nullita taz-zwieg taghhom li gie ccelebrat fis- 6 ta' Mejju, 2012 minhabba li l-attur qarraq biha u heba minnha difett fiziku serju ai termini tal-Artikolu 19 (1)(c) u/jew (d) u/jew (e) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-24 ta' Mejju, 2017, il-konvenuta pprezentat petizzjoni lill-Arcidjocesi ta' Malta fejn talbet l-annullament taz-zwieg u dispensa *super rato et en non consummato* u permezz ta' digriet moghti fis-6 ta' Marzu, 2018, il-Pontefici Ruman, fuq anke rakkomandazzjoni tal-Eccellenza tieghu l-

[4] A fol. 431

Arcisqof ta' Malta ddikjara z-zwieg null u imposta l-obbligu fuq l-attur li ma jistax ighaddi ghaz-zwieg iehor fil-Knisja Kattolika qabel ma jigi ezaminat minn tabib espert fil-psikologija u wara li jigi kkonsultat l-Ordinarju tal-post, ikun meqjus psikikament kapaci biex iwettaq l-obbligu taz-zwieg.

Sussegwentement, id-decizjoni tal-Pontefici Ruman giet registrata permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2021, Madanakollu, permezz tal-istess sentenza l-Qorti tal-Appell nononstante, tali registrazzjoni, ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawzi civili pendenti quddiem din l-Qorti.

Ghal kull buon fini, dina l-Qorti ukoll ser taghmel il-konsiderazzjonjiet taghha bbazati ukoll kemm fuq ix-xhieda prodotta f'dina l-kawza, kif ukoll f'dik il-kawza fejn qed tintalab is-separazzjoni (Rik. Nru. 185/2017 fl-ismijiet **ESF vs HSF )** u li qiedgha tinstema' minn dina l-Qorti u dan wara d-digriet taghha tal-14 ta' Ottubru, 2019, gie kkonfermat li l-provi migbura huma applikabbli ghaz-zewg kawzi.

Dina l-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tindirizza l-premessi li fuqhom huma bbazati t-talbiet tal-attur, kif ukoll it-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha.

**A. <u>Artikolu 19 (1) (c)</u>**

**Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga**

L-attur qed jikkontendi li l-kunsens tieghu kien ivvizzjat peress li l-konvenuta qarrqet bih meta hbiet il-problemi taghha ta' avverzjoni ghas-sess u l-lontanza mill-genituri taghha, filwaqt il-konvenuta fil-kontro-talba taghha tikkontendi li l-kunsens taghha kien ivvizzjat peress li l-attur qarraq biha meta kellu kundizzjoni medika li kienet timpedih milli jkollhom relazzjonijiet intimi kompluti.

Il-konvenuta ghamlet referenza ghal diversi sentenzi li jinterpretaw dan l-Artikolu u dina l-Qorti ser ticcita dak li hu relevanti ghall-kaz in kwistjoni. Fid-decizjoni **Svetlana Minaeva Ciangura vs Aldo Ciangura (Rik. Nru. 402/2001/1) deciza fid-29 ta' April, 2003**, il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonjiet:-

> ***"Illi l-elementi importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewwga, u huwa mmaterjali jekk tali qerq jorigina minn naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa importanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kundizzjoni, fatt, jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghad-dizgwid serju ghal consortium vitae tant necessarju ghall-hajja mizzewwga.***

**.....**

> ***Illi ukoll il-legislatur Malti llimita l-qerq fuq "xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga." Din il-kawzali giet ikkunsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz "John Borg vs Paula sive Polly Borg"(P.A. VDG 22 ta' Mejju, 1995 – Cit. Nru. 591/94 VDG fejn gie osservat li:-***

***"Kieku dak il-paragrafu 19 (1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg."***

***"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life, with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality, so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial." (Viladrich .J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law annot. – Caparros E.et. al. Ed) 1993 Wilson and Lafleur, Montreal)."***

Inoltre, skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun "serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewwga."[5]

**<u>Qerq da parti tal-attur</u>**

[5] Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova RCP deciza 13 ta' Novembru, 2002.

Il-konvenuta tishaq li l-qerq tal-attur immanifesta ruhu minn diversi azzjonijiet tieghu kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg. Huwa stabbilit li fiz-zmien li kien qieghed is-seminarju waqa' f'depressjoni, tant li kellu jitlaq mis-sacerdozju. Tul dan il-perjodu kien qieghed fuq trattament ta' medicini *anti-depressants* u ssussegwentement peress li kien hemm xi mumenti fejn kien fuq "a high" hafna, Dr.George Debono kien ippreskrivilu Lithium Bicarbonate bl-intendiment li ghandu jiehdu ghall-ghomru.

Huwa minnu li l-partijiet marru jzuru lil Dr. Debono flimkien, fejn dan tal-ahhar spjega l-posizzjoni tal-attur waqt li kien qieghed fis-Seminarju u li kien irrakkomandalu li jitlaq. Ghalkemm il-konvenuta tammetti li qatt ma saret taf x'gara ezatt waqt li l-attur kien qieghed is-Seminarju, Dr. Debono rrassikuraha li kien irkupra, pero' certament kien hemm riskji li jerga' jkollu depressjoni.

Il-psikjatra Dr. Debono rrilaxxja certifikat fis-27 ta' Jannar, 2012 u cioe' qabel iz-zwieg fejn ikkonstata li l-attur *"his mental state is completely normal and has been for several years."*[6]

Din il-konstatazzjoni ma tindikax jekk l-attur kellux problemi fizici li kienu jimpedulu milli jassumi l-obbligi tieghu fiz-zwieg. Dr.Debono effettivament qatt ma ezamina lill-attur fizikament u fil-fatt meta tkellem mieghu dwar il-problemi sesswali li hu u l-konvenuta kienu qed jaffaccjaw kien irriferihom ghand Dr.John Mifsud.

Interessanti ukoll huwa l-fatt li Dr. Debono qatt ma xehed fil-kaz quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku u dan meta jirrapprezenta xhud

[6] Fol. 13 tal-sentenza tal-Kurja

importanti minhabba li hu jaf ezatt l-history tal-attur f'parti sinifikanti u turbolenti tal-attur.

Hemm verzjonjiet kontrastanti bejn il-kontendenti dwar ir-relazzjoni taghhom fuq l-intimita' fl-gherusija. L-attur jikkonferma li kien ikun hemm f*oreplay* u masturbazzjoni fuq it-tnejn. Ighid li ma tantx kien hemm *petting*, izda kien jixtrilha l-fjuri u anke jaghtiha kartolina. Jattribwixxi l-fatt li m'ghamlux certi affarijiet qabel iz-zwieg minhabba t-twemmin taghhom. Fl-istess waqt isemmi li mad-diversi tfajliet li kellu kien hemm *foreplay* izda naqas li jressaqhom bhala xhieda.

Il-qerq jitkompla jimmanifesta ruhu meta l-istess zwieg ma giex ikkunsmat fil-qamar il-ghasel, Meta ppruvaw ikunu intimi ma rnexxielhomx u l-attur ammetta mal-konvenuta li kellhom bzonn imorru "counselling," haga stramba meta wiehed iqis li dina kienet l-ewwel darba li ppruvaw li jkollhom relazzjoni sesswali u ddecieda immedjatament li ghandhom bzonn l-ghajununa! Kien konsapevoli allura li kien impotenti!

Il-kredibbilita' tal-attur hija diskutibbli ukoll meta dina l-Qorti ezaminat ix-xhieda ta' Sister Alexandra li xehdet dwar il-hbiberija soda li kien hemm bejn l-attur u l-Madre Superjuri taghha u kif kemm il-darba kien jiftah qalbu maghha u jibki bil-lejl. Dan hu kkonfermat mill-konvenuta stess li kienet tisimghu. Il-Madre kienet taqsam il-hsieb taghha fuq l-attur u li kienet tibza li zzewweg biss sabiex ikollu kumpanija u dan meta qallha ukoll li kien jibza' jizzewweg u jibza' li ma jkunx kapaci jkollu x'jaqsam u jesprimi ruhu ma' martu u sahansitra ma riedx tfal.

Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, dina l-Qorti tikkonkludi li kien hemm kunsens ivvizjat b'qerq da parti tal-attur li kien gravi bizzejjed sabiex ifixkel il-hajja mizzewwga.

## Qerq tal-konvenuta

L-attur jikkontendi li l-konvenut qarrqet bih minhabba problemi fil-femminilita' taghha li rrenduha inkapaci sabiex ikollha relazzjonijiet intimi, partikolarment minhabba l-kundizzjoni ta' *vaginismus, polycystic ovaries,* kif ukoll *uterine fibroid*.

## Vaginismus

L-ewwel darba li tissemma din il-kundizzjoni, hija meta marru ghand Dr. John Mifsud minhabba li l-attur beda jahseb li kellu problemi ta' impotenza u dan kien fl-2016. Jirrizulta li Dr.Mifsud beda billi jezamina lill-konvenuta u fil-fehma tieghu rrizulta li kienet qed tbati minn *vaginismus* u ghalhekk ma hassx il-htiega li jezamina lill-attur. Minkejja kollox ighid li mhuwiex "espert."

Huwa minnu li l-kawza tal-*vaginismus* hija wahda psikologika u ghalhekk l-unika kura hija li wiehed jahdem fuq il-*counselling*. Jirrizulta li l-konvenuta attendiet xi tlett sezzjonijiet, li fil-fehma ta' Dr.Mifsud li ma kinux bizzejjed sabiex jistabilixxi x'wassal ghal dina l-problema ghaliex il-konvenuta ma baqghetx tattendi.

Verzjonijiet totalment kontrastanti mill-analizi ta' Dr. Mifsud huma dawk ta' Dr. Marcelle Chircop li giet inkarigata mit-Tribunal Ekklesjastiku sabiex tezamina lill-konvenuta u tikkonkludi jekk il-

konvenuta kinitx tbati mill-kundizzjoni *de quo*, fejn fil-fatt ikkonfermat li ma kienet tezisti ebda problema.

L-attur donnu ried johloq id-dubbji meta jsemmi z-zmien li kien akkumpanja lill-konvenuta ghand Profs. Mark Brincat li kien irrakkomanda li m'ghandhomx idumu biex ikollhom relazzjonijiet intimi u jekk ikun hemm problemi jkollu jopera lill-konvenuta u jifthilha l-vagina. Madankollu fix-xhieda tieghu, Profs.Brincat ma jsemmi xejn minn dan u jispjega li ma kienx ghamel il-*laparoscopy* peress li l-konvenuta nsistiet li ma riditx titlef il-verginita' taghha u rrakkomanda biss li timmoniterja l-*fibroid*.

F'Jannar 2013, il-konvenuta kienet marret flimkien mal-attur ghand Profs. Jean Calleja Agius, u dan cioe' tlett snin qabel ma' marru ghand Dr.John Mifsud fejn l-attur semma' li kien hemm cans ta' *vaginismus*. Mill-ezami li wettqet il-Profs. Agius irrizultalha li "....***there were no signs of vaginismus."***[7]

Ghalhekk, dina d-djanjosi ta' *vaginismus* ma ssib ebda korroborazzjoni minn esperti ohrajn u hija haga stramba li kien Dr.John Mifsud li suppost kellu jezamina lill-attur peress li gie riferut lilu u minflok ezamina lill-konvenuta. Inoltre mhi konvincenti xejn il-fatt li l-attur ma telghux biex jixhed quddiem it-Tribunal Ekklejastiku u l-istess Dr. Mifsud iddikjara li ma kienx jitla' *in ogni caso*.

Ipotetikament anke jekk *casomai*, verament sentejn wara z-zwieg il-konvenuta kienet qed tbati minn *vaginismus* (u cioe' meta marret

[7] Vide affidavit tat-28 ta' Mejju, 2022

tinvizta lil Dr.Mifsud fl-2015), dan kien wara li gie ccelebrat iz-zwieg u certament ma kellhiex tali djanozi diga' f'Jannar, 2013, meta kienet marret ghand il-Profs. Agius. Inoltre, possibilment dina l-kundizzjoni tfaccat bhala rizultat tal-problemi li kienu qed jaffaccjaw il-partijiet bhala koppja fuq livell sesswali u psikologikament il-konvenuta setghet hassitha ezawrita bil-fatt li ma rnexxielhomx jikkunsmaw iz-zwieg erba' snin wara! Fil-fatt, ix-xhieda ta' Dr.Mifsud iktar hija konferma ta' dan meta spjega li peress li l-konvenuta m'attenditx ghas-sezzjonijiet kollha ma setax jasal fil-profond tal-problema li possibilment setghet kienet l-impotenza tal-attur li poggiha fi stat ta' self-guilt u tiddubita l-femminilita' taghha.

Dr. Marcelle Chircop, ginekologa li tqabbdet mill-Kurja fil-proceduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku stqarret illi "***at the examination Ms Heidi Sant Fournier was co-operative and relaxed there were no signs of vaginismus. On inspection the vulva appeared normal and hymen appeared intact."*** Oltre minn hekk, l-Arcqisof ta' Malta fid-decizjoni tieghu fit-Tribunal Ekklesjastiku kkonkluda illi "***asked whether Heidi made any reaction while the doctor tried to examine her vagina, Respondent*** (l-attur fil-proceduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku) ***answered "No, she made no reaction, which is very strange indeed given that the allegation is one of vaginismus."***"[8]

**Uterine Fibroid**

[8] Fol. 59 tar-rapport tal-Kurja

L-attur mill-ewwel kien konsapevoli li tezisti dina l-*uterine fibroid* li gie kkonfermat wara li l-konvenuta marret ghand Profs.Mark Brincat minhabba li kienet qed tbati minn *heavy periods*. Profs.Brincat issuggerixxa li sabiex titnehha kien jehtieg li ssir laparoscopy, li l-konvenuta rrijutat. Prof. Agius tikkonferma li l-konvenuta kienet marret ghandha ghal *second opinion* u kienet issuggerit li l-ahjar tigi mmonitorjata u jekk tikber tigi operata. Hi fil-fatt xehdet hekk – "Ha nghid hekk, jiena stess kont irrakkomandajtilha li l-intervent ma kienx daqshekk importanti bejn l-2013, qabel l-2020 ghaliex il-*fibroma* kienet ghadha zghir, ma kinitx qed taghtiha problemi, kienet fuq in-naha ta' barra tal-utru."

Fil-fatt, dina l-fibroid effettivament kibret wara z-zwieg u wara li kienu *de facto* sseparati, izda d-diversi professjonijisti lkoll ikkonfemaw li ma kinitx ser ikollha impatt fuq l-attivita' sesswali tal-konvenuta. Dan ukoll gie kkonfermat mill-Profs. Muscat Baron.

Eventwalment, peress li sa l-2020, dina l-*fibroid* kibret sew kellha tigi operata u saritilha hysterectomy.

Ghaldaqstant, gie kkonfermat kemm mill-kontendenti, kif ukoll mill-professjonisti li l-konvenuta kellha *uterine fibroid* li tul iz-zwieg kienet baqghet ckejkna, izda l-istess *fibroid,* ikkonfermaw il-professjonisti stess ma kienx se jkollu ebda effett fuq l-abbilita' tal-konvenuta li jkollha relazzjonijiet sesswali mal-attur. Fil-fatt, fir-relazzjoni li ghandha mas-sur CH ma kellhom ebda problemi fir-relazzjonijiet sesswali taghhom.

Ghal kull buon fini lanqas dina t-tezi tal-attur dwar il-qerq kommess da parti tal-konvenuta ma treggix.

**Polycystic ovaries (PCO)**

Ghalkemm inizzjalment il-Profs. Mark Brincat kellu suspetti li l-konvenuta kienet qed tbati minn PCO, id-diversi professjonisti li ezaminawha kkonkludew li ma kellhiex PCO u anke li kieku kienet qed tbati minnhom, li hija haga pjuttost komuni fost in-nisa Maltin, qatt ma setghu jwasslu ghall-inabilita' taghha sabiex tkun attiva sessalment.

Il-Profs. Muscat Baron fl-affidavit tieghu kkonstata illi "***Heidi's normal menstruation and blood tests done  by Mater Dei and ultrasound tests conducted at his clinic confirmed the absence of Polycystic Ovary Syndrome (PCOS)" u "when conducting the abdominal hysterectomy, the ovaries appeared normal and were conserved."***

Meta l-attur ra li l-kaz tieghu ma kienx sod, biddel l-interpretazzjoni tieghu fuq l-allegat impotenza tal-konvenuta u attribwiha ghall-avverzjoni ghas-sess da parti tal-konvenuta u anke l-iffissar esagerat fuq il-genituri taghha.

Bir-rispett kollu, fl-ebda stadju tal-process ma gie kkonstat mill-professjonisti li l-konvenuta kellha xi forma ta' avverzjoni ghas-sess. Zgur kien hemm certu konservatezza, in vista li hija religjuza hafna u xtaqet titlef il-verginita' taghha fiz-zwieg u kellha kull dritt. Fil-fatt, tali xewqa giet irrispettata mid-diversi professjonijiet involuti u fil-fatt ma kinitx saret il-*laparoscopy*, minhabba f'hekk.

L-attur ma jirribattix l-allegazzjonijiet tal-konvenuta, fejn affermat illi "***He would not even experiment by touching me on my intimate parts***

***by fondling. When I used to try to take hold of his hands and move them over my intimate parts, he would start trembling and he would get very anxious, as if he were doing something wrong.”*** Anzi, l-attur iktar issahhah it-tezi tal-konvenuta meta jghid li ma tantx kien hemm *fondling* u *petting*, izda kien minflok jibghatilha fjuri u kartolini.

Dwar l-iffissar tal-konvenuta fuq il-genituri taghha, jirrizulta li kellha ija fuq il-*bond* qawwija maghhom u ma hemm xejn hazin u damet ftit sabiex adattat ghall-hajja mizzewwga. Pero’ cinonostante, ma jidhirx li dan l-“attachment” kien fuori mill-komun li jista’ jwassal ghal xi nullita, izda hija allegazzjoni ohra nfondata da parti tal-attur sabiex he “clutches at straws” biex isib fuq xiex iwaddab l-htija fuq il-konvenuta.

Ghaldaqstant, ai fini tal-Artikolu 19 (1) (c) , gialdarba ma jirrizultax li kien hemm impotenza da parti tal-konvenuta u lanqas avversjoni ghas-sess, fl-ebda stadju ma jissussisti qerq da parti tal-konvenuta, izda biss dak kommess mill-attur li kien gravi bizzejjed biex ifixkel serjament il-hajja mizzewwga.

**B. <u>Artikolu 19 (1)(d)</u>**

**Jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg**

Fis-sentenza **Mario Mizzi vs Maris Mizzi**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005, gie ritenut illi:-

> ***"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' lgħażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." Ikkunsidrat; In-nuqqas tad-discretio judicii huwa tabilhaqq kuncett guridiku li ghandu affinita` inerenti mal-kapacita` ta' wahda mill-partijiet jew entrambi l-partijiet fiz-zwieg, li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. In propositu, fis- sentenza Charles Atkins v. Matilde Atkins3 , inghatat spjegazzjoni dettaljata talkuncett ta' discretio judicii li huwa rikjest biex tikkonvalida l-kunsens matrimonjali:- "Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom filkonfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. ... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, iddrittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom." Huwa rilevanti jigi senjalat ukoll li jinsab imfisser fil-gurisprudenza***

*nostrana4 illi b'immaturita` affettiva wiehed ma jifhimx semplicement nuqqas ta' affett lejn ilparti l-ohra jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' imhabba. Lanqas il-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx hasbet jew irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jitqiesx necessarjament bhala difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghaliex f'kull kaz, id-difett riskontrat irid ikun wiehed serju u gravi u mhux ibbazat fuq incident uniku. Fis-sentenza Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mamo2 , il-Qorti fissret illi sabiex jirrendi l-kunsens moghti ghaz-zwieg invalidu ai termini tas-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19, jehtieg illi:- 2 Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru, 2000 "fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritiko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett." [sottolinejar ta' din il-Qorti] Il-gurisprudenza fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hija konkordi fis-sens illi d-difett li wiehed jevalwa, jifhem u jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li japprezza u jifhem x'ifisser iz-zwieg u lhajja mizzewga, irid ikun wiehed gravi, tant illi m'huwiex kwalunkwe stat ta' immaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, iwassal ghallannullament taz-zwieg minhabba nuqqas ta' discretio judicii. Fis-sentenza Mario Mizzi vs Maris Mizzi, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005, gie ritenut illi:- "Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi*

*liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' lgħażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." Ikkunsidrat; In-nuqqas tad-discretio judicii huwa tabilhaqq kuncett guridiku li ghandu affinita` inerenti mal-kapacita` ta' wahda mill-partijiet jew entrambi l-partijiet fiz-zwieg, li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. In propositu, fis- sentenza Charles Atkins v. Matilde Atkins3 , inghatat spjegazzjoni dettaljata talkuncett ta' discretio judicii li huwa rikjest biex tikkonvalida l-kunsens matrimonjali:- "Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom filkonfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. ... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, iddrittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom."*

## <u>Difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tal-attur</u>

Mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta li l-attur huwa tip ta' persuna li kien skrupluz kwazi kwazi b'mod eccessiv, li anke meta ra statwa ta' anglu gharwien fid-dar tal-konvenuta, kien heba l-parti intima tal-

istatwa b'karta. Il-Qorti tifhem li l-attur huwa bniedem ta' fidi qawwija, tant li kien qed jistudja sabiex isir qassis is-Seminarju, pero' dan kien perjodu f'hajtu li halla impatt kbir fuqu peress jidher li ghex kunflitt intern bejn li jibqa' fis-seminarju jew jitlaq u certament kienet tirrivolvi fuq kwistjoni ta' fidi.

Taht il-kura medika tal-psikjatra Dr.George Debono nghata anti-depressants Amirol u iktar tard tpogga permanentement fuq Lithium Bicarbonate, li l-istess Dr.Debono ddeskrivihom bhala herbal. Generalment dawn il-medicinali jigu preskritti fil-kazijiet ta' Bipolar disorder u/jew major depressive disorder.

Ghalkemm Dr.Debono kien accerta lill-konvenuta li kien mentalment stabbli, m'eskludix li seta' jerga' jirrikadi fid-dlam tad-depressjoni u *di piu'* xehed li l-i*ntake* tal-Lithium irid jigi mmoniterjat b'testijiet tad-demm regolari u dan minhabba li jista' jkun fatali jekk jittiehed f'dozi kbar. Bhala *side effects* gie stabbilit ukoll li jkollu t*remors* f'idejh.

L-attur huwa konsapevoli tal-kura tieghu, imma donnu jrid jikkonvinci lil kulhadd li huwa jinstab fi stat tajjeb, izda dak li ccertifika Dr.Debono huwa li hemm stabbilita' mentali, pero' ma jiccertifika xejn mill-aspett fiziku tal-attur, tant li rreferih ghand Dr.John Mifsud meta tkellem mieghu dwar il-problemi fuq livell sesswali li kien qed jaffacccja fiz-zwieg.

Il-Qorti hija iktar tal-konvinzjoni li l-attur ipprova jibni hajtu meta hareg mis-Seminarju, sab xoghol u beda jaqla' l-flus u akkwista post fejn jabita u ghalhekk il-pass li kien imiss kien li jsib xi tfajla u jissetilja

ghaz-zwieg. Ix-xhieda ta' Sister Alexandra tkompli ssahhah l-ideja li probabilment l-attur ma riedx jibqa' wahdu u xtaq il-kumpanija peress li z-zmien kien ghaddej. Hu stess jammetti li peress li l-hajja tas-seminarju ma kienx ippermettilu li jkollu hbieb, kellu jerga' jibni c-cirki socjali tieghu, minkejja li kellu hbieb antiki minn zmien l-iskola.

Il- *punto sta* li meta gie affaccjat bir-relazzjonjiet sesswali, li kemm hu u l-konvenuta accettaw li jwettquhom biss wara z-zwieg, minhabba t-twemmin u l-valuri Kattolici taghhom, dik l-intimita' kkagunat ansjeta' kbira fih, tant li mill-ewwel lejl ma setghux jikkunsmaw iz-zwieg. L-attur immedjatament induna li kien ser ikollhom bzonn jirrikorru ghall-ghajununa u donnu l-iskrupli tieghu u l-karattur ferm konservattiv spikkaw u hadu kontroll fuq l-emozzjonjiet tieghu. Inoltre, il-konvenuta semmiet id-diversi *hallucinations* tal-attur u l-biza li kienet thoss f' nofs ta' lejl meta l-attur kien iqum ighajjat u jiccassa.

Ghalhekk, huwa inevitabbli li l-attur kellu difett serju fid-diskrezzjoni tal-gudizzju li impedew l-"*intellectual and volitive capacities*" tieghu li jassumi d-dmirijiet tieghu fiz-zwieg, precisament in kwantu jirrigwarda l-att konjugali u l-konsegwenti prokreazzjoni tat-tfal.

**<u>Id-diskrezzjoni tal-gudizzju tal-konvenuta</u>**

Mir-rizultanzi processwali ghalkemm l-attur jattribwixxi n-nullita' taz-zwieg minhabba n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tal-konvenuta, dina l-Qorti thoss li dina l-attribuzzjoni ma treggix.

Iltaqghet mal-attur meta kellha cirka 36 sena u ghalhekk mhux zghira u ta' eta' fejn kienet esperjenzat il-hajja. Ukoll kienet konservattiva u

ferma fil-valuri taghha, mhux disposta li titlef il-verginita’ taghha, hlief waqt l-att taz-zwieg.

Jirrizulta mid-diversi kartolini li kienet tibghat lill-attur li kienet thobbu hafna u bhal kull tfajla x-xewqa taghha kienet li tizzewweg u jkollhom familja. Akkumpanjat lill-attur ghand id-diversi professjonijisti u assoggettat ruhha ghal darba darbtejn biex tivverifika jekk kellhiex xi problemi biex tipprokrea mill-Profs. Brincat, ghal Profs.Agius, Dr.John Mifsud, Dr. Marcelle Chircop kif ukoll Profs. Muscat Baron. Jekk din mhix imhabba, mela x’inhi.

Fi ftit kliem, il-konvenuta marret oltre dak li huma d-dmirijiet taghha sabiex taccerta ruhha li setghet tassumi l-obbligi taghha bhala mart l-attur, izda ma kienx tort taghha jekk dan iz-zwieg ma setax jigi kkunsmat.

Ghalhekk it-tezi tal-attur li kien hemm difett fid-diskrezzjoni tal-gudizzju da parti tal-konvenuta ma treggix.

C. **<u>Artikolu 19 (1) (e)</u>**

**Jekk xi wahda mill-partijiet ikun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg**

Fir-rigward ta’ nullita’ taz-zwieg abbazi ta’ dan is-subartikolu, il-Qorti nostrana fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Cutajar vs Josephine Cutajar (Ref.Nru. 535/1987/1)** ghamlet is-segwenti osservazzjoni:-

***"Illi l-impotenza kif ikkontemplata fl-artikolu 19 (1e) trid tkun assoluta jew relattiva. L-impotenza hija assoluta meta l-impotenza tal-parti hija relatata ma' kwalunkwe persuna. Hija relattiva meta l-impotenza tezisti biss fil-konfront tal-parti l-ohra."***

***"Illi l-impotenza trid tezisti qabel iz-zwieg. F'dan il-kuntest gie stabbilit li huwa bizzejjed jekk l-impotenza tezisti mill-ewwel relazzjoni ntima bejn il-partijiet. M'huwiex rikjest li jigi ppruvat li l-parti kienet impotenti fir-relazzjonijiet sesswali tieghu qabel iz-zwieg."***

**<u>Impotenza tal-attur</u>**

Dan l-estrem tan-nullita' jirrapprezenta l-qofol tal-kaz ghaliex il-kontendenti jaqblu li z-zwieg taghhom ma giex kkunsmat. In-nuqqas ta' qbil iktar idur fuq il-fatt fuq min kien impotenti minnhom it-tnejn, l-attur li kellu *erectile dysfunction* jew il-konvenuta li kellha *vaginismus, uterine fibroids* kif ukoll *polycysitc ovaries*.

Kien hemm okkazjoni wahda fejn l-attur allega li kien gie ezaminat minn Dr.Stefan Fenech, il-GP tieghu li hareg certifikat illi l-attur *"**has no problems with erection and ejaculation**.*" Ghandu jigi rilevat pero' li l-attur ma ressaqx lil istess tabib biex jixhed fuq dan li ezamina u inoltre, l-veracita' tal-istess certifikat huwa dubbjuz stante li effettivament il-vizta saret fl-2015 skond l-istess certifikat u d-data li ggib huwa dak tat-13 ta' Marzu, 2017 u gie kkonfermat biss fit-28 ta' Jannar, 2019 u cioe' sentejn wara. Dubbjuz ukoll huwa l-fatt li l-attur ma pprezentax tali certifikat quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku u kien ipprezentah biss fl-istess zmien li pprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-

appell fejn kienet qed tintalab ir-registrazzjoni tas-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku.

Ta' opinjoni differenti huwa Dr. John Mifsud, li ghalkemm ghazel li ma jezaminax lill-attur, peress li kkonkluda li l-konvenuta kienet qed tbati minn *vaginismus*, fuq l-*erectile dysfunction* kellu jghid is-segwenti:- "***erectyle dysfunction tohrog mill-history u mhux b'ezami fiiku tal-organu tar-ragel pero' biex jigi ezaminat ragel mhux biss l-organu jigi ezaminat imma l-gisem shih ghax hemm kundizzjonijiet medici li jwasslu ghall-erectile dysfunction***."

L-attur jittanta jargumenta li l-konvenuta ma ressqitx lil Dr.Stefan Fenech in kontro-ezami, pero' l-Qorti tifhem li l-attur ipprezenta biss certifikat u fuq bazi ta' probabilita' hemm wisq inkonsistenzi fuq l-istess certifikat li jhallu dubbji kif u meta l-attur esebiha l-Qorti, minghajr ma ressaq lit-tabib kuranti tieghu.

L-impotenza tal-attur hija iktar lampanti meta kien jevita l-*foreplay* u kull forma ta' affezzjoni fizika lejn il-konvenuta qabel iz-zwieg. Fiz-zwieg mill-ewwel lejl tal-*honeymoon*, apparti li marru jghixu ghand il-genituri tal-konvneuta, iz-zwieg ma giex ikkumsmat u l-istess gara fil-granet ta' wara fi kliem il-konvenuta stess – "***fl-ewwel granet tal-honeymoon meta ppruvajna nersqu lejn xulxin kif kien mistenni biex inkunu intimi ma' xulxin ghal ewwel darba, falla ghax E ma rnexxilux izomm erectile tajba bizzejjed biex jidhol fiha. Ma kienx hemm full erection."*** Anzi, l-attur mar pass oltre u ammetta mill-ewwel gurnata li kellhom bzonn *counselling*, donnu kien konsapevoli li kellu problema serja.

Tul iz-zwieg il-problemi aggravaw u bhal donnu jammetti li kien impotenti, l-attur ammetta li kien jirrikorri jara films pornografici biex jistimula ruhu "***ghax la wahdi u lanqas maghha qed tifhem, ma kont ikun kapaci..... It was necessary, it was necessary, it was necessary."***

Il-konvenuta pprezentat diversi artikoli bhala ricerka li jkomplu jikkonvincu lil dina l-Qorti li l-attur kien impotenti u possibilment konsegwenza ta' Lithium Bicarbonate li kien qed jiehu, minkejja li mhux tabib u fuq livell xjentifiku ma tistax tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha, tista' fuq livell legali u fuq bazi ta' possibilita' tikkonkludi li l-*depression disorder* tieghu, ghalkemm regolata bil-medicina, setghet kellha *side effects* li gieghluh ikun impotenti.

Fl-artikolu "Bipolar affective disorder and its impact on various aspects of marital relationship" ippubblikat gewwa l-Industrial Psychiatric Journal[9] ighid kif minn studju li sar jirrizulta illi "***....the prevalence of sexual dysfunction among men with BD, rec eiving either a typical or an atypical antipsyhcotic medication, reported erectil dysfunction to be the most common sexual dysfunction amond men...."*** Bl-istess mod, l-artikolu fit-titolu "Sexual Dysfunction in clinically stable Patients with Bipolar |Disorder receiving Lithium" ippubblikat gewwa l-Journal of Clinical Psychopharmacology[10] ikkonkluda kif ***"...one third of the patients receiving lithoium for log duration were found to have sexual dysfunction. The sexual dysfunction manifests in the form of difficulty in arousal, reduction in desire, erectile dysfunction, vaginal lubrication and reduced sexual drive."***

[9] A fol. 967 tal-process 185/2017
[10] A fol.982 tal-process 185/2017

Ghalkemm mhux konkludenti dawn l-artikoli jaghtu stampa cara tal-effetti li jista' jkollu l-Lithium li iktar jikkonvinci lil dina l-Qorti li possibilment l-attur kien impotenti meta hafna mis-*side effects* huma riflessi mill-provi. Dr. John Mifsud ukoll fix-xhieda tieghu kkonkluda li hemm xi medicini li jistghu jwasslu ghall-*erectile dysfunction.*

Bejn ix-xhieda ta' Sister Alexandra, li l-attur kien fetah qalbu mal-Madre Superjuri li kien jibza li ma jissodisfax lil martu, kif ukoll mill-konkluzzjonijiet raggunti mill-Arcisqof ta' Malta Mons.Charles Jude Scicluna fejn sostna illi "***the main problem which started from the very beginning of their marital life, consisted in Edward's not being able to have and sustain an erection that could permit him to penetrate inside Heidi's vagine and ejaculate therein."***[11]

Inoltre, fl-istess rapport l-Arcisqof ikkonkluda illi "***I cannot arrive at any cause on the Peititioner's part which led to the alleged non-consummation of this marriage."***[12]

Ghaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi li kien hemm impotenza da parti tal-attur ai termini tal-Artikolu 19 (1)(e).

**Impotenza tal-konvenuta**

Dina l-Qorti diga' dahlet fid-dettal fuq l-allegat impotenza tal-konvenuta fejn kienet qed tikkunsidra n-nullita' taz-zwieg taht l-artikolu 19 (1) (c), fejn l-attur allega li dina l-impotenza hija r-rizultat ta' *vaginismus* u/jew *uterine fibroid* u/jew *polycystic ovaries*. Il-Qorti

[11] Pg 60 rapport talp-Knisja

[12] Pg.61 rapport tal-Kutja

ikkunsidrat ukoll kif dawn il-kundizzjonijiet ma jirrizultawx li jezistu jew li kellhom impatt fuq in-nuqqas ta' konsum taz-zwieg de quo.

Ghaldaqstant, tenut kont tal-konsiderazzjonjiet fuq imsemmija, l-impotenza fil-konvenuta fl-ambitu tal-Arttikolu 19 (1) (e) ma treggix.

**D. <u>Artikolu 19 (1) (f)</u>**

**Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg**

Kif ritenut fis-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[13] :-

> "***Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga." [sottolinejar ta' din il-Qorti] Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza Al Chahid vs Mary Spiteri***[14] ***illi:-***
> ***"… wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax***

[13] Deciza fit-28 ta' April, 2002
[14] Deciza fil-5 ta' Gunju, 2002

***ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".***

"***Kif diga' gie ribadit hawn fuq, iz-zewg disposizzjonijiet li fuqhom ir-rikorrenti qed titlob in-nullita' taz-zwieg taghha mal-intimat ma jistghux jigu applikati flimkien u dan stante li jekk il-kunsens tar-rikorrent kien ivvizjat peress li kien qed ibati minn discretio judicii, zgur li ma setax kellu kunsens vizjat minhabba simulazzjoni taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-obbligi essenzjali taz-zwieg. Ghalhekk, il-Qorti thoss li ikun kompitu inutli li tanalizza l-fatti fid-dawl tal-Artikolu 19(1f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta."***[15]

Il-konvenuta qed tattribwixxi n-nullita taz-zwieg taht dina d-disposizzjoni tal-ligi u dan minhabba li l-kunsens inkiseb meta l-attur eskluda pozittivament wiehed jew iktar mill-elementi essenjali tal-hajja mizzewwga.

Il-konvenuta tirreferi ghax-xhieda ta' Sister Alexandra li xehdet li l-attur kien ammetta mal-Madre li ma kellu ebda intenzjoni li jkollu t-tfal. Inoltre l-mod kif xehed quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku u l-inkonsistenza fix-xhieda tieghu jwassal sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li l-attur kien iktar konsapevoli tal-problemi sesswali tieghu.

Madanakollu, hafna drabi l-gurisprudenza nostrana gharrfet illi hemm relazzjoni bejn l-Artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) u jekk jirrizulta li

[15] AB vs CB deciza fl-14 ta' Jannar, 2020

wiehed mill-partijiet kien qed ibati minn diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, certament ma jistax jasal sabiex jeskludi pozittivament wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Persuna li m'ghandux il-kapacita' intelletwali u volitiva sabiex jifhem li z-zwieg mhux biss a ***"community of life aimed at the procreation and education of children,"*** ma jistax fl-istess waqt jeskludihom miz-zwieg li jkun qed jiccelebra.

Ghalhekk minkejja li dina l-Qorti hija konvinta li l-attur huwa impotenti ma kellux dik il-kapacita' intelletwali u maturita' affettiva li jwassluh sabiex jaghmel eskluzzjoni pozittiva ta' wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Ghaldaqstant, dak allegat mill-konvenuta ma jreggix u ma jwassalx ghan-nullita' taz-zwieg ghab-bazi tal-artikolu 19 (1)(f).

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, tiddikjara li z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fis-6 ta' Mejju, 2012 huwa null u bla effett fil-ligi u dan a tenur tal-Artikolu 19 (1)(c) u 19 (1)(d) u l-Artikolu 19 (1) (e) taht il-Kap, 255 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-attur rikonvenzjonat.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.**

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**